# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Eliot Magro)**

**Vs**

**Keith Azzopardi**

**332/2017**

**Illum 9 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti**

Rat illi l-Imputat Keith Azzopardi ta' 32 sena bin Francis u Maria Dolores xebba Fenech imwieled l-Pieta' nhar il-21 ta' Lulju, 1985 residenti Fenech Flat 1, Triq il-Kbira, Mgarr u detentur tal-karta tal-identita, 0373385 (M) tressaq akkuzat talli nhar it-13 ta' Awissu 2017 ghall-habta tad-disgha ta' fighaxija (21 hrs), Ta' Mincejjen l/Dingli.

1. Dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi il-hajja ta’ Amanda Azzopardi f’ perikolu car wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi taha daqqiet fil-partijiet vitali tal-gisem liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu u dan bi ksur ta’ l-artikli 41 u 211 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzai ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta` Amanda Azzzopardi liema feriti ikkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti vitali tal-gisem jew gabu difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh u kif ukoll gabu sfregju gravi u permanenti fil-wicc fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn tal-offiz u dan skond ma iccertifika Dr Thomas Armatys MD ( Reg no 2783) mill-Isptar Mater Dei Msida u dana bi ksur ta’ l-artikli 214, 215, 218 u 222(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U akkuzat ukoll talli nhar it-13 ta’ Awissu 2017 ghall-habta tad-disgha ta’ filghaxija (21 .00 hrs) u fil-granet gimghat u xhur ta’ qabel f’dawn il-gzejjer;

3. Ingurja, insulenta u hedded bi kliem lil Amanda Azzopardi u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Amanda Azzopardi biza li se tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjeta’ taghha u dan bi ksur ta’ l-Arikolu 251B (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti mitluba bi skop li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza Amanda Azzopardi jew ghaz-zamma ta’ l-ordni

pubblika jew ghall-iskop ta’ l-protezzjoni tal-persuna imsemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta’ vjolenza tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzat skont Artikolu 412C) tal-Kap 9 u f’kaz ta’ htija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta’ l-persuni offizi u l-familjari taghhom ai termini tal-Artikli 383,384,385, 412D tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-ispettur presenta u qara l-akkuzi bil-gurament fejn ukoll ezebixxa diversi dokumenti.

Semghet l-imputat jiddikjara li mhux hati.

Rat in-nota tal- Avukat Generali tal-25 ta April 2019 fejn ghall-finijiet tal-Artikolu 370 (3) (a) tal-Kodici Kriminali indika l-artikoli tal-Ligi li abbazi taghhom hemm mahsuba li tista’ tinstab htija u cioe`

1. Fl-artikoli 214,215,218(1)(b) 218(2) 222(1)(a) 202(h)(i)(iv)(v)(vii) u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta’ Malta.
2. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
3. Fl-artikoli 251(B)(1)(2) 222(1)(a)202(h)(i)(iv)(v)(vii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
4. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412 D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
5. Fl- artikoli 17, 31, 532A,532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lil imputat jiddikjara fl-udjenza tas-6 ta` Ottubru, 2020 li ma ghandhux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti u il-Qorti ikkonvertit ruhha f’Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat li gie ordnat social inquiry report mill-Qorti fil-konfront tal-imputat fil-29/08/17 li jinstab a fol 150 et seq tal-process u fl-istess udjenza gie

ordnat provisional Order of Supervision ai termini ta’ l-artikolu 7(2) proviso 3 tal-Kap 446 u l-imputat baqa jigi segwit minn probation officer tul il-proceduri kollha u xehdu dwar l-andament tieghu u ippresentaw rapporti a fol244, Fol 519, fol 521 u rapport ulterjuri fit-13 ta` Jannar, 2023.

Rat li fl-udjenza tad-9 ta’ Mejju, 2023 fejn l-parte Civile ghamlet riferenza ghall-proviso tal-artikolu 543(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex il-Qorti tikkunsidra li jittwaqqfu l-proceduri fil-konfront tal-imputat u fl-istess udjenza l-Qorti fid-dawl li l-allegat vittma talbet li dawn il-proceduri jitwaqqfu sa mill-bidu u kif jipprovdi l-proviso tal-artikolu 543(e) tal-Kodici Kriminali u dan minn jedha u tenut kont tal-progress ta’l-istess imputat kif segwit mill-ufficjal tal-probation il-Qorti kienet tal-fehma li t-talba ghandha tigi milqugha u l-proceduri jitwaqqfu.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti, provi u dokumenti kollha.
Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Amanda Azzoppardi xehdet fil-29 ta` Awissu, 2017 u taghat il-verzjoni taghha dwar dak li sehh sabiex ittiehdu l-proceduri odjerni. Sa minn din is-seduta hi stqarret li ma tibzghax mir-ragel, li trid li jiehu l-kura u l-affarijiet jimxu minn hemm.

Fl-Udjenza tad-9 ta` Dicembru, 2023 Amanda Azzopardi xehdet hekk:

Qorti: Mela sinjura ghandek xi tghidli xi haga?

Avu: Mela Mrs. Azzopardi xi xtaqt tghi lil Qorti rigward dawn il-proceduri?

Xhud: Mela nixtieq li nwaqqa l-kawza li ghandi mar-ragel tieghi issa ghadda zmien issa l-affarijiet trangaw hafna u qed nghixu flimmien mat-tfal taghna.

Qorti: Ok sinjura.

Minhabba x-xhieda tal-allegata vittma gie ordnat social inquiry report mill-Qorti fil-konfront tal-imputat fil-29/08/17 li jinstab a fol 150 et seq tal-process u fl-istess udjenza gie ordnat provisional Order of Supervision ai termini ta' l-Artikolu 7(2) proviso 3 tal-Kap 446 u l-imputat baqa jigi segwit minn probation officer tul il-proceduri kollha u xehdu dwar l-andament tieghu u ippresentaw rapporti a fol244, Fol 519, fol 521 u rapport ulterjuri fit-13 ta` Jannar, 2023.

Fl-udjenza tad-9 ta' Mejju, 2023 l-parte Civile ghamlet riferenza ghall-proviso tal-artikolu 543(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tikkunsidra li jittwaqqfu l-proceduri fil-konfront tal-imputat u fl-istess udjenza l-Qorti fid-dawl li l-allegat vittma talbet li dawn il-proceduri jitwaqqfu sa mill-bidu u kif jipprovdi l-proviso tal-artikolu 543(e) tal-Kodici Kriminali u dan minn jedha u tenut kont tal-progress ta'l-istess imputat kif segwit mill-ufficjal tal-probation il-Qorti kienet tal-fehma li t-talba ghandha tigi milqugha u l-proceduri jitwaqqfu.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti fir-rigward tal-imputazzjonijet kollha tqis il- proceduri estinti u ezawriti.

**Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**